

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Medjazzjoni > Medjazzjoni Fil-pajjiżi Tal-UE > Sweden

Medjazzjoni fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Svezja

Svezja



Jekk inti involut f'tilwima ġuridika ċivili, għalfejn ma tippruvax issolviha bil-medjazzjoni, minflok tmur il-qorti? Il-medjazzjoni hija miżura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim (AST), fejn medjatur jgħin lil dawk involuti f'tilwima jilħqu ftehim. Il-gvern u l-professionisti tal-ġustizzja fl-Isvezja huma konxji mill-vantaġġi tal-medjazzjoni. Il-medjazzjoni tista' wkoll tintuża f'każijiet kriminali, iżda mhijiex sanzjoni tar-reat u qatt ma tista' tissostitwixxi preċedimenti kriminali. L-għan tal-medjazzjoni f'każijiet kriminali huwa li tagħti lit-trasgressur fehim aħjar tal-konsegwenzi tar-reat u tagħti lill-vittma l-opportunità jipproċessa l-esperjenzi tiegħu jew tagħha.

Medjazzjoni f'każijiet ċivili

Lil min għandek tikkuntattja?

Ma hemmx korp ċentrali li jirregola l-professjoni ta' medjatur. Madankollu, għal informazzjoni dwar il-medjazzjoni tista' tiġi kkuntattjata [l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati \(Domstolsverket\)](#). L-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Qrati lestiet ukoll lista ta' persuni li wrew ix-xewqa li jimmedjaw fil-qrati, liema lista tinsab <https://www.domstol.se>.

Fi kwistjonijiet kummerċjali, il-[Kamra tal-Kummerċ ta' Stokkolma \(Stockholms handelskammare\)](#) u l-[Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija tal-Punent tal-Isvezja \(Västsvenska industri- och handelskammaren\)](#) iwettqu f'idma fil-qasam tal-medjazzjoni.

F'liema qasam tista' ssir medjazzjoni u/jew liema qasam huwa l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni hija permessa f'diversi oqsma, iżda hija l-aktar komuni fi kwistjonijiet ta' liġi ċivili.

Hemm possibbiltà li tintuża l-medjazzjoni matul il-proċediment tal-qorti.

Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?

L-użu tal-medjazzjoni huwa totalment volontarju. Ma hemm l-ebda regola speċifika, bħal ngħidu aħna kodiċijiet ta' kondotta għall-medjaturi.

Informazzjoni u taħriġ

Ma hemm l-ebda informazzjoni speċifika dwar taħriġ fil-medjazzjoni u l-ebda korp nazzjonali ta' taħriġ għall-medjaturi.

Kemm tiswa l-medjazzjoni?

Il-medjazzjoni mhijiex b'xejn; il-ħlas huwa soġġett għal ftehim bejn il-medjatur privat u l-partijiet. L-ispiża tal-medjazzjoni tinqasam l-istess bejn il-partijiet.

Medjazzjoni f'każijiet kriminali

Lil min għandek tikkuntattja?

Mill-1 ta' Jannar 2008 l-awtoritajiet lokali Svediżi kollha saru meħtieġa joffru medjazzjoni jekk xi ħadd taħt il-21 iwettaq reat. Kemm il-pulizija kif ukoll l-awtorità lokali jistgħu jieħdu l-inizjattiva jsaqsu lit-trasgressur jekk huwiex interessat jieħu sehem f'medjazzjoni.

F'liema qasam tista' ssir medjazzjoni u/jew liema qasam huwa l-aktar komuni?

Il-medjazzjoni tista' tintuża ma' trasgressuri ta' kwalunkwe età u fi kwalunkwe stadju tal-proċess ġudizzjarju. L-Att tal-Medjazzjoni ma jpoġġi l-ebda limitu massimu għal-età, iżda mill-1 ta' Jannar 2008 l-awtoritajiet lokali Svediżi kollha saru meħtieġa joffru medjazzjoni jekk ir-reat ikun sar minn xi ħadd taħt il-21.

Hemm xi regoli speċifiċi li għandhom jiġu segwiti?

Il-medjazzjoni mhijiex parti mill-kastig. Japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Trid tkun volontarja miż-żewġ naħat.
- Ir-reat irid ikun ġie rrapportat lill-pulizija u t-trasgressur ikun ammetta l-ħtija.
- Il-medjazzjoni trid titqies kif xieraq skont iċ-ċirkostanzi.

Informazzjoni u taħriġ

L-Att jeżiġi li dawk li jinħatru bħala medjaturi jkunu kompetenti u onesti. Iridu wkoll ikunu imparzjali.

Aktar informazzjoni dwar il-medjazzjoni tista' tinkiseb mingħand l-awtoritajiet lokali jew il-Kunsill Nazzjonali tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità (Brottsförebyggande rådet).

Kemm tiswa l-medjazzjoni?

Il-Medjazzjoni hija bla ħlas kemm għall-vittma kif ukoll għat-trasgressur.

L-aħħar aġġornament: 09/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.